

32003D0724

L 260/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.10.2003

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Ottubru 2003**

**li tagħti deroga temporanja mid-Direttiva 82/894/KEE in rigward il-frekwenza tan-notifikasi ta'
tifqigħ primarju ta' l-enċifalopatija sponġiformi tal-bovini**

(innotifikata bid-dokument numru K(2003) 3561)

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(2003/724/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 fuq in-notifika tal-mard ta' l-annimali fil-Komunità (¹), kif l-aħħar emadata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (²), u b' mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħi,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 82/894/KEE tippreskrivi regoli għan-notifikasi tat-tifqigħ ta' ġertu mard ta' annimali, inkluża l-enċifalopatija sponġiformi tal-bovini (BSE), fil-Komunità. Dik id-Direttiva tippreskrivi illi l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw t-tifqigħ primarju ta' BSE Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri fi żmien 24 siegħa. Id-Direttiva 82/894/KEE tippreskrivi ukoll illi t-tifqigħ sekondarju ta' BSE għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni kull ġimġha.
- (2) Diversi Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, l-aħħar waħda tkun id-Deċiżjoni 98/12/KE (³), taw derogi temporanji lill-Istati Membri mill-obbligi taħt id-Direttiva 82/894/KEE bixx jinnotifikaw it-tifqigħ primarju ta' BSE fi żmien 24 siegħa. Id-deroga temporanja magħtija fid-Deċiżjoni 98/12/KE tiprovvdi illi t-tifqigħ kollu tal-BSE għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni kull gimġha.
- (3) It-tifqigħ tal-BSE jkompli jseħħi fil-Komunità. Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, ir-rapportar tat-tifqigħ tal-BSE darba kull ġimġha preskritt għat-tifqigħ sekondarju

jidher illi huwa suffiċjenti. Għaldaqstant, jidher xieraq illi din id-deroga temporaja lill-Istati Membri li tippermettilhom jinnotifikaw it-tifqigħ primarju ta' BSE lill-Kummissjoni kull ġimħa għandha tibqa'.

- (4) Il-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentarja u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 82/894/KEE, it-tifqigħ kollu ta' l-enċifalopatija sponġiformi tal-bovini għandu jiġi nnotifikat sal-31 Diċembru 2007 skond l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fl-10 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 378, tal-31.12.82, p. 58.

(²) ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 36.

(³) ĠU L 4, tat-08.01.98, p. 63.